# I. Epigrammi fuq l-Irġiel (ii)

## 301. KOLLOX JAQA’

Jaqgħu l-imperi, jaqgħu il-muntanji,
jaqa’ l-bini tal-gvern mibni bis-sħiħ;
iżda trid taqa’ d-dinja sabiex jaqa’
il-bini li l-perit jibni għalih!

## 302. IL-MAĠĠUR

Kien aħrax il-Maġġur, ta’ dixxiplina,
u mas-suldati qalbu tal-azzar;
id-duwa wieħed biss biex trattabhielu;
il-bajd tat-tiġieġ frisk mill-gallinar.

## 303. DUN SALV

Il-Baħar l-Isfar qatt ma kellu sfura,
il-Baħar l-Aħmar qatt ma kellu ħmura’
iżda, int Dun Salv, għalkemm ma jismekx Aħdar,
mimli minn rasek sa saqajk bil-ħdura.

## 304. DUN PIET

Dun Piet kif miet mar ħdejn il-bieb tal-ġenna,
fejn ħafna laburisti ra deħlin;
“Din kif inhi?” Dun Piet għajjat imgħaddab
“Anki San Pietru kontra l-qassisin?”

## 305. IL-GRAZZJI TA’ SAN XMUN

San Xmun f’salt wieħed beda jaqla’ l-grazzji,
in-nies imliet bil-wegħdi lill-ħitan;
’mma fost il-grazzji kollha l-akbar waħda
niżlet u nħbiet fil-but tal-kappillan.

## 306. L-ARĊIPRIET U D-DUDU

Jgħid l-arċipriet li dudu jgħix ġo ċagħka;
iżda huwa jgħix ġo dar bi tliet sulari,
bil-banju, bil-garage, bit-television,
tal-gass fil-kċina għandu żewġ fuklari.

## 307. DUN SALV

Dun Dalv għandu velenu fuq ilsienu
mill-aqwa nett, kulħadd jibqa' skantat;
ftit ilu gidmu serp, u s-serp imsejken,
flok tal-velenu baqa' avvelenat.

## 308. DUN PIET

Dun Piet maħmuġ minn barra, kemm minn ġewwa;
min jaf il-grazzja t'Alla u d-doni sbieħ
kemm isoddu mnifsejhom minn l-intiena
biex jgħaddu minn ġo fih għal ġol-erwieħ!

## 309. DUN ANĠ

Dun Anġ kien kappillan għal erbgħin sena,
faddal il-flus, ma nafx kemm-il elf lira,
u sar sinjur, ħalla sinjuri 'l niesu;
'mma l-knisja tiegħu baqgħet dejjem fqira.

## 310. IL-QASSISIN PAGANI

Biex iberrdu 'l allat li kienu mgħaddba
għas-serq tan-nies, jew qtil, jew għat-tnassis,
il-qassisin debħu x-xebbiet ta' għajrhom,
'mma qatt u qatt ma debħu xi qassis.

## 311. IS-SUR CALLUS FIL-PARLAMENT

Pajjiżu kien fi kriżi l-aktar kbira;
"Kif ser nivvota?" staqsa s-Sur Callus;
u f'dak id-dlam li kien, mexxih dawl qawwi
ħiereġ mid-deheb leqqien ta' borża flus.

## 312. TABIB TAJJEB

Frankie kien tabib fitt u ta' kuxjenza,
ta' kollox jagħti kas u jifli sewwa;
meta jinvista tfajla għal elf darba
iġagħlha tieħu n-nifs 'il barra u 'l ġewwa.

## 313. GĦAND ID-DENTIST

Ħassejt tingiża dieħla ġewwa l-ħanek,
ħassejt id-darsa ħierġa bħall-berrina;
u wara dan l-uġigħ, id-dentist qala'
darsa tajba bi żball flok il-ħażina.

## 314. IL-KRITKU TAT-TIJATRU

Il-kritku tat-tijatru ferm minn tagħna;
iħobb ifaħħar ħafna fil-gazzetti
xi dramm jew artist ġdid u n-nies iħajjar,
basta tibgħatlu b'xejn x'erba' biljetti.